**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2007**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IL-ĦAMES SENA** | **STUDJI SOĊJALI** | **ĦIN: Siegħa**

Isem ________________________________________________

Klassi ________________

TOTAL TAL-MARKI

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek, l-isem ta' l-iskola u l-klassi.
  TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.





**A. Agħmel sing taħt il-kelma jew il-frażi t-<u>TAJBA</u>.**

1. Id-dar Normanna tinsab (fil-Birgu, fl-Imdina, fiċ-Ċittadella, fiż-Żejtun).

2. Iċ-Ċittadella fir-Rabat Għawdex hija mibnija (fil-wied, taħt l-art, fuq għolja, fil-bajja).

3. Il-Palazz ta' l-Inkwiżitur, li nbena fil-Birgu fi żmien il-kavallieri, kien jintuża bħala (skola, sptar, lukanda, qorti).

4. Fi żminijiet medjevali, il-Kastell Sant'Anġlu fil-Birgu kien il-fortifikazzjoni ewlenija madwar il-Port (ta' Marsamxett, il-Kbir, ta' l-Imġarr, ta' Marsaxlokk).

5. Fil-kantunieri tat-toroq qodma tar-raħal għadek tara xi statwi żgħar (fin-niċeċ, fil-gallariji, mal-bibien, mal-vetrini).

**(5 marki)**

**B. Ikteb VERU jew FALZ dwar is-Sajd u l-Akwakultura.**

<u>Is-Sajd</u>



1. Il-ħajja tas-sajjied hi marbuta ma' ħinijiet fissi. ________________
2. Is-sajjieda jmorru jistadu meta r-riħ ikun qawwi. ________________
3. Permezz taċ-ċimi u r-rixa jinqabdu l-lampuki. ________________
4. Is-sajd għal-lampuki jsir bejn Frar u April. ________________
5. Aktar insibu sajjieda *part-time* milli sajjieda *full-time*. ________________

<u>L-Akwakultura</u>



6. F'ċentru ta' l-akwakultura l-bnedmin irabbu l-ħut. ________________
7. Bl-akwakultura l-bnedmin jagħżlu x'tip ta' ħut irabbu. ________________
8. Fil-*fish farm* jitkabbru l-lampuki. ________________
9. Il-ħut jitrabba f'gaġeġ. ________________
10. Bl-akwakultura jonqos l-*over fishing*. ________________

**(10 marki)**

## Ċ. Aqra dawn il-kliem dwar il-Logħob Olimpiku.

| | | |
|---|---|---|
| Pierre de Coubertin | atleti | ~~**festa t'allat pagani**~~ |
| irġiel u nisa | bandiera Olimpika | alla Zeus |
| kuruna tar-rand | tajjeb għas-saħħa | kull erba' snin |
| midalja | ~~**premju**~~ | Imperatur Ruman |
| ~~**Turin**~~ | kompetizzjoni | irġiel biss |







**Poġġi dawn il-kliem dwar il-Logħob Olimpiku fil-kolonna t-tajba.**
**Ħares lejn l-<u>eżempji</u>.**

| ILLUM | DARI | KOMUNI (ILLUM u DARI) |
|---|---|---|
| **<u>Turin</u>** | **<u>festa t'allat pagani</u>** | **<u>premju</u>** |
| ______________________ | ______________________ | ______________________ |
| ______________________ | ______________________ | ______________________ |
| ______________________ | ______________________ | ______________________ |
| ______________________ | ______________________ | ______________________ |

**(12-il marka)**

## D. Agħmel sing taħt il-kelma jew il-frażi l-<u>ĦAŻINA</u>.

1. Deżerti differenti madwar id-dinja jkunu miksija (bir-ramel, bil-blat, bis-siġar, bis-silġ).
2. In-nies f'kull komunità jimxu 'l quddiem bil-ġid li qed jagħmlu (l-kunsilliera, l-pulizija, l-qassisin, l-ħallelin).
3. Ir-rwol ta' kull membru fil-grupp jitlob (piki, drittijiet, dmirijiet, responsabilitajiet).



4. Iċ-ċittadin ta' pajjiż fl-Unjoni Ewropea għandu d-dritt ta' (sehem fit-tmexxija, libertà reliġjuża, libertà politika, diskriminazzjoni).

**(4 marki)**

**E. Aqra din is-silta.**

Żmien twil ilu, Gonsalvo Monroy xtara l-gżejjer Maltin. Hu għamel taxxi ħorox biex jiġbor malajr il-flus li kien ħareġ.



Il-Maltin kienu fqar u għalhekk ma setgħux iħallsu dawn it-taxxi kollha. Huma kienu rrabbjati għal Monroy u keċċewh minn Malta.

Il-kapijiet Maltin talbu lis-sultan ta' Sqallija biex jerġa' jmexxi l-gżejjer Maltin. Huma wegħduh li jagħtu lura l-flus li kien ħareġ Monroy. Is-sultan Alfonso sema' t-talba tagħhom.

Il-Maltin żammew kelmithom u wara ħafna taqtigħ ta' qalb, il-flus fl-aħħar inġabru. Il-Maltin ferħu ħafna għax hekk fdew lil pajjiżhom mill-ħakma ta' Monroy.

**E. (i) Aqta' sing taħt il-kelma jew il-frażi t-<u>TAJBA</u>.**

a) Gonsalvo Monroy kien bniedem (ġeneruż, kattiv, maħbub, ħanin).

b) Il-Maltin kienu (kuntenti, kburin, mdejqin, xxurtjati) bit-tmexxija ta' Monroy.

ċ) Ir-re ta' Sqallija (rrifjuta, aċċetta, ma tax kas, kien kontra) t-talba tal-Maltin.

d) Din l-istorja turi (l-kuraġġ, n-nuqqas ta' ħeġġa, n-nuqqas ta' ftehim, x-xeħħa) tal-Maltin.

**(4 marki)**

**E. (ii) Ikteb fi kliemek biex turi:**

a) kif dawn kienu żminijiet koroh għall-Maltin.

________________________________________________

b) kif il-Maltin irnexxielhom jeħilsu mill-ħakma ta' Monroy.

________________________________________________

ċ) kif inti kont tgħin biex tifdi lil pajjiżek.

________________________________________________

**(6 marki)**

**F. (i)** Marjo, tifel Malti, mar għal vaganza l-Ġermanja.
Hemmhekk iltaqa' ma' tifla Ġermaniża jisimha Helga.
**Imla l-vojt f'dan id-djalogu dwar il-Gżejjer Maltin.**



Marjo: Int qatt ġejt iżżur **il-gżejjer Maltin**?

Helga: Smajt bihom. Imma fejn jinsabu?

Marjo: ________________________________________

Helga: Liema hi l-**lingwa nazzjonali** tal-Maltin?

Marjo: ________________________________________

Helga: Jiena nħobbha l-istorja tal-pajjiżi.

Tista' tgħidli l-ismijiet ta' **TLIET postijiet storiċi** li jiena nkun nista' nżur?

Marjo: ____________________________________________________ ,

____________________________________________________ ,

u ________________________________________________ .

Helga: Tista' ssemmili **TLIET servizzi li toffru lit-turisti** li jiġu jżurukom?

Marjo: ____________________________________________________ ,

____________________________________________________ ,

u ________________________________________________ .

**F. (ii) Ikteb ŻEWĠ modi kif inti tista' turi imġiba pożittiva lejn it-turisti.**



1. ________________________________________________________________________

2. ________________________________________________________________________

**(12-il marka)**

**Ġ. (i)** Dawn l-istampi jfakkruna fil-kultura Maltija.
**Ikteb l-isem it-tajjeb TAĦT kull stampa.**

| | | |
|---|---|---|
| xogħol ta' l-idejn | teknoloġija | l-Innu Malti |
| festa tal-lokal | familja | żifna |





______________________________ ______________________________






______________________________ ______________________________





______________________________ ______________________________

**(6 marki)**

**Ġ. (ii)** Dawn il-frażijiet juru elementi komuni bejn Malta u l-Ewropa.
**Qabbel billi tikteb numru fil-kaxxa l-vojta.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | edukazzjoni xierqa | | proċess fil-qorti |
| 2. | għażla ta' mexxej tal-pajjiż | | rispett ta' twemmin differenti |
| 3. | ġustizzja għal xi għemil ħażin | | ħidma favur il-paċi |
| 4. | stima lejn ir-reliġjonijiet | | dritt tat-tfal |
| 5. | ftehim għal ħbiberija bejn il-pajjiżi | | dritt għall-vot |

**(5 marki)**

**G.** It-temp estrem jaffettwa lill-ambjent naturali u lill-bnedmin.
**Aqra l-eżempji.**
**Ikteb TLIET problemi oħra taħt kull kolonna.**

| **Nixfa** | **Għargħar** |
|---|---|
| **Eżempju:** **jinxfu l-widien**  | **Eżempju:** **issir ħsara lill-mezzi tat-trasport fit-toroq**  |
| 1. ______________________ ______________________ | 1. ______________________ ______________________ |
| 2. ______________________ ______________________ | 2. ______________________ ______________________ |
| 3. ______________________ ______________________ | 3. ______________________ ______________________ |

**(6 marki)**

**GĦ. X'valuri tajbin qegħdin jipprattikaw dawn in-nies?**
**Agħżel minn dawn il-kliem.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ġenerożità | responsabilità | onestà | rispett | solidarjetà |



1. Rita tagħti kas ta' dak li jgħidulha l-ġenituri tagħha.

   ______________________________



2. Dawn il-ġenituri qed jaqdu dmirhom billi jagħtu trobbija tajba lil uliedhom.

   ______________________________



3. Aħna t-tfal nagħtu l-flus mill-karus tagħna biex ngħinu lit-tfal fil-bżonn.

   ______________________________



4. Karl iżur lil ħabibtu waqt li qiegħda l-isptar biex iferraħha.

   ______________________________



5. Pawlu kisser ħġieġa tat-tieqa tal-ġâra bil-ballun u llum mar jgħidilha li kien kissirha hu waqt il-logħob.

   ______________________________

**(5 marki)**

**H. Imla l-vojt bil-kliem t'hawn taħt.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| iċċappsu | ħidma | bl-addoċċ | inaqqsu | kimiċi |
| ħut | tajjeb | mietu | mikrobi | niġġes |



Vapur mgħobbi biż-żejt inkalja hekk kif kien dieħel fil-baħar Mediterran. Iż-żejt li ħareġ _________________________ il-baħar. Ħafna _________________________ mejjet tela' f'wiċċ l-ilma. Xi tjur tal-baħar _________________________ biż-żejt u ma setgħux itiru. Ħafna minnhom _________________________ u nġarru lejn ix-xtajtiet. Bdiet _________________________ biex ir-roqgħa taż-żejt ma tibqax tinfirex.





Ħaġa oħra li tagħmel ħsara lill-ambjent hija d-drenaġġ li jintrema fil-baħar. Id-drenaġġ ikun fih _____________________ perikolużi li jarmu xi industriji. Fid-drenaġġ ikun hemm ukoll ħafna _____________________ minħabba skart mid-djar, mil-lukandi u mir-ristoranti. L-iskart li jintefa' fid-drenaġġ _____________________ jagħmel ħsara kbira.

Huwa _________________________ li gvernijiet ta' ħafna pajjiżi qegħdin jippruvaw _________________________ t-tniġġis tal-baħar b'modi differenti.

**(10 marki)**

**Ħ. Agħżel WAĦDA minn dawn.**
**Ikteb ĦAMES sentenzi.**

1. Immaġina li ġew ħbieb li qatt ma żaru **r-raħal** jew **il-belt tiegħek**.
   Ikteb dwar dak il**-post storiku** jew **post ta' interess** li inti tixtieqhom jaraw.

2. Inti membru fi grupp.
   Dan il-grupp jiltaqa' fil-ħin liberu.
   Il-grupp tiegħek organizza attività **għan-nies tar-raħal/belt fejn toqgħod**.
   Ikteb dwar din **l-attività** u **r-rwol ta' kull membru** biex din l-attività kienet suċċess.

3. Ikteb dwar **x'ikunu t-terremoti** u **kif dawn jaffettwaw lill-bniedem u lill-ambjent li jgħix fih**.

4. Immaġina li inti emigrajt lejn l-Awstralja erbgħin sena ilu.
   Is-sajf li għadda inti ġejt għal btala f'pajjiżek.
   Ikteb dwar **it-tibdil li rajt fil-belt jew raħal tiegħek** minn kemm ilek imsiefer u **għaliex dan it-tibdil kien meħtieġ**.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**(15-il marka)**

**TMIEM IL-KARTA**